REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 25 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 24
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   5.1 Punti ta’ diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-17:30 ta’ filgħaxija. Il-President esprima l-apprezzament tiegħu lis-Sindku ta’ Ħ’Attard, is-Sur Stefan Cordina, għall-istedina sabiex il-laqgħa reġjonali tkun tista’ ssir fl-uffiċċji l-ġodda tagħhom.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea informa li s-Sindku Dale Hayman, huwa skuzat.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.24**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 24 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Gabriel Micallef, issekondat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Il-President informa li l-attivitajiet organizzati s’issa kienu kollha ta’ suċċess. Il-membri ġew imfakkra dwar il-ftuħ uffiċjali tal-proġett li ser isir għada filgħodu fid-9:00 l-Għadira. Barra minn hekk, filgħaxija ser issir attività oħra ddedikata għaż-żgħażagħ fil-Mosta. Il-membri ġew mistiedna jattendu u jagħtu l-appoġġ tagħhom lil dawn l-inizjattivi sabiex ikomplu jsaħħu l-parteċipazzjoni u l-viżibilità tar-Reġjun.

**3.2 Aġġornament – Il-ktieb The Colourful North u il-festin tal-Milied 2025.**

Il-President ippropona li l-ktieb The Colourful North jiġi ppreżentat lill-membri kollha tal-Kunsill waqt il-festin annwali tal-Milied, organizzat mir-Regjun Tramuntana. Ġie deċiż li l-preżentazzjoni ssir fl-Interpretation Centre tal-Imtarfa nhar il-Ġimgħa, 5 ta’ Diċembru 2025. Il-proposta ġiet approvata b’unanimità.”

**3.3 Aġġornament - Konferenza Festi, Sub Groups**

Il-President propona li, kif diġà ġie diskuss qabel, ir-Regjun jibgħat mailshot sabiex jinġabru d-dettalji ta’ rappreżentant minn kull għaqda. Dawn ir-rappreżentanti jiffurmaw sub-group li permezz tiegħu iresqu l-isfidi u l-proposti eżistenti biex jkunu jistgħu jiġu diskussi b’mod aktar faċli. Ġie kjarifikat li dan is-sub-group ma jkollux involviment f’għotjiet jew għajnuna finanzjarja, u għal dan il-għan l-għaqdiet għandhom jindirizzaw ruħhom direttament lill-Kunsill rispettiv. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Kunsilliera responsabbli jkunu involuti f’dan is-sub-group. Il-proposta ġiet approvata b’unanimità.

**3.4 Mgħaref tal-Fidda – A Unique Opportunity for the Regjuni**

Il-President informa li r-Reġjun irċieva proposta biex jipparteċipa fis-serje televiżiva nazzjonali Mgħaref tal-Fidda, li tippromwovi r-riċetti, l-istejjer u l-kultura Maltija. Din tinkludi parteċipazzjoni tal-kunsilli u tar-reġjuni f’diversi episodji, reklamar u promozzjoni fuq il-programm u pubblikazzjonijiet relatati, b’kontribuzzjoni ta’ €800 + VAT għal kull lokalità. Wara diskussjoni, il-membri ma qablux li l-parteċipazzjoni ssir mir-Reġjun, iżda min hu interessat jista’ jipparteċipa bħala kunsill individwali.

**3.5 ESF+.03.246 - Lifelong learning as a key to better governance at a regional and local level**

Il-President informa li r-Reġjun, kif ukoll kull Kunsill individwali, irċieva stedina mill-Ministeru għad-Direttorat tal-Gvern Lokali għal proġett ġdid taħt l-ESF+ bl-isem *Lifelong learning as a key to better governance at a regional and local level*. Il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ il-ħiliet tal-membri tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali permezz ta’ taħriġ, żjarat ta’ studju u esperjenzi ta’ xogħol f’Malta u barra. Fond ta’ €500,000 ser jiffinanzja bursarji għal madwar 125 parteċipant. Sessjoni ta’ informazzjoni ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta’ Settembru 2025, bejn l-10:00 u l-13:00, segwita minn ikla ta’ nofsinhar. Il-President ħeġġeġ lill-membri sabiex jirreġistraw u jattendu.

### 3.6 Applikazzjoni għar-restawr tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann

Il-President informa li r-Reġjun irċieva talba għal appoġġ uffiċjali (endorsement) minn Kunsillier rigward ir-restawr tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann. Wara diskussjoni, il-membri enfasizzaw li talbiet ta' dan it-tip għandhom isiru b'mod uffiċjali mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, wara li jkunu ġew approvati f'laqgħa tal-Kunsill. It-talba għandha tkun akkumpanjata mid-dokument tal-minuti tal-istess laqgħa li fiha tkun tressqet u ġiet approvata.

***Nota:*** *Wara l-laqgħa, sar kuntatt mal-proponent tat-talba oriġinali u ġie kkonfermat li t-talba ma saritx f'isem il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, iżda kienet talba individwali fil-kapaċità personali tiegħu.*

### 3.7 Fondi ta' Għajnuna - Anniversarju Domma tal-Assunta

Il-President informa li r-Reġjun irċieva talba mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta għal appoġġ finanzjarju relatat mal-75 Anniversarju tad-Domma tal-Assunta. Il-programm jinkludi diversi attivitajiet kulturali u soċjali, u s-Soċjetà qed titlob kontribuzzjoni ta' €5,000 biex tkopri spejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-avveniment.

Il-membri tal-Kumitat Reġjonali ddiskutew it-talba u kien hemm qbil li l-għajnuna finanzjarja mitluba ma tistax tingħata direttament mir-Reġjun. Madankollu, l-għaqda tista' tikkuntattja lill-Kunsill Lokali rispettiv sabiex titlob din l-għajnuna, u l-Kunsill jiddeċiedi jekk din tistax tingħata mill-fond li ngħata mir-Reġjun lill-Kunsilli Lokali għal għanijiet speċifiċi bħal dawn.

### 3.8 Malta's Sustainable Development Multi-Stakeholder Forum 2025

Il-President informa li, billi hu u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu barra minn Malta fid-data tal-konferenza, ir-Reġjun Tramuntana ser ikun rappreżentat minn Ms Sandra Gauci. Ms Gauci, Chairperson ta' AD+PD u kunsilliera ta' San Pawl il-Baħar, għandha esperjenza fl-edukazzjoni, servizz pubbliku u attivitajiet politiċi u ambjentali. Il-President esprima l-fiduċja tiegħu fil-kontribut siewi tagħha u rringrazzjaha talli aċċettat li tirrappreżenta lir-Reġjun.

### 3.9 Aġġornament - Barcelona Smart City EXPO 2025

Il-President informa li s-Sindku Paul Vella u l-Kunsillier Norbert Dalli ser ikunu qed jirrappreżentaw lir-Reġjun f'Barċellona bejn il-4 u s-6 ta' Novembru.

**3.10 Aġġornament Laqgħa RIGHTS**

Il-President informa li l-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal, li kienet skedata għal illum fis-14:00, ma saritx minħabba li l-persuna responsabbli kienet indisposta. Il-laqgħa ser tiġi posposta għal data oħra.

**3.11 Bord ta' L-Intervisti**

Il-President informa lill-membri li wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjonijiet vakanti, kien hemm applikant wieħed għall-pożizzjoni ta' Reġistratur Skala 10 u applikant wieħed għall-pożizzjoni ta' Administrative Officer II Skala 10. Minħabba l-urġenza ta' dawn il-postijiet u ċ-ċirkostanzi preżenti, ġie ssuġġerit li jitwaqqaf bord intern sabiex l-intervisti jsiru fi żmien qasir.

Il-membri tal-bord ser ikunu l-President Clifford Galea, is-Sindku Paul Vella, l-Kunsillier Aiken Zerafa u is-sostitwent l-Kunsillier Norbert Dalli. Kien hemm qbil unanimu li l-intervisti jsiru nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru 2025, fit-3:00 p.m.

**3.12 Aġġornament – CCTVs**

Il-President informa lill-membri li, minħabba li għad hemm Kunsilli Lokali li ma sottomettewx l-informazzjoni kollha rikjesta, ser tintbagħat formola elettronika permezz ta' MS Forms sabiex tinġabar id-data b'mod strutturat u uniformi. Intalbu wkoll il-Kunsilli li diġà sottomettew l-informazzjoni biex jimlew din il-formola.

**3.13 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun**

Il-President informa lill-membri li nhar is-Sibt, 30 ta' Awwissu, saret konferenza stampa fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana dwar is-sitwazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart, kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Gabriel Micallef staqsa jekk kienx hemm xi feedback, u ġie nfurmat li sa issa ma waslet l-ebda rispons.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, ssekondat mill-Viċi President Dr. Angelo Micallef, ġie propost li tintalab laqgħa mad-Direttur Ġenerali Emil Vassallo flimkien mal-membri kollha tar-Reġjun, sabiex issir diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart. Kien hemm qbil unanimu sabiex tintalab din il-laqgħa.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Stefan Cordina staqsa jekk ir-Reġjun jistax jikkunsidra li jipprovdi xi għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali għal żmien il-Milied, u qal li dan

ikun ferm apprezzat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li, peress li diġà ngħata fond sostanzjali bħala għajnuna lill-Kunsilli, ser jiġu kkunsidrati arranġamenti alternattivi fejn ir-Reġjun jista’ joffri appoġġ soċjali, kif sar is-sena li għaddiet permezz tal-għotja ta’ hampers lid-Djakonija fl-lokalitajiet differenti. Huwa ssuggerixxa wkoll li min għandu proposti ta’ dan it-tip jista’ jressaqhom għall-approvazzjoni.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Punti Oħra ta’ diskussjoni**

Ma kien hemm l-ebda punt ieħor imressaq ghad-diskussjoni

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 192 għall-perjodu bejn il-15 ta’ Awwissu 2025 u t-12 ta’ Settembru 2025.

L-iskeda msemmija ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Stefan Cordina, issekondata mis-Sindku Paul Vella, u l-membri qablu unanimement.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta u nofs (18.30) ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 27 ta’ Ottubru 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tnejn 27 ta’ Ottubru 2025